# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Ottubru 2019

## Talba Numru 223/2019SFJ

***Nectar Limited (C13065)***
***vs.***
***JN Spiteri Limited (C67357)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

- Illi s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€436.47c) wara li diversi prodotti tal-ikel ġew mibjugħa u ikkonsenjati lill-istess soċjetà konvenuta li baqgħet inadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet.

- Is-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha l-ammont relattiv flimkien mal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 4 ta' Lulju 2018.

Ra li kif jidher mir-riferti relattivi (fol. 9 tal-proċess), is-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fit-30 ta' Awwissu 2019.

Ra li l-istess soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda risposta u ħadd ma deher għaliha jew in rappreżentanza tagħha fis-seduti relattivi.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-28 ta' Ottubru 2019.

**Provi ippreżentati**

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2019 Carlos Abela, prodott mis-soċjetà attriċi, kkonferma taħt gurament li l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta kien tħallas kollu ħlief għal tlieta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€43.86).

It-Tribunal osserva li mid-dikjarazzjoni ta' Carlos Abela jidher għalhekk ċar li s-soċjetà konvenuta ħallset l-ammont indikat fid-dokument A (fol. 2 tal-proċess) iżda fadlilha thallas l-ammont indikat fid-dokument B (fol. 3 tal-proċess).

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

It-Tribunal osserva li effettivament, dak li xehed ix-xhud Carlos Abela jiffunzjona bħala nota ta' riduzzjoni. Għalhekk, ladarba Abela qal ċar li s-soċjetà attriċi fadlilha biss tieħu tlieta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€43.86), it-Tribunal ma għandu ebda raġuni sabiex jiddubita dan, speċjalment fin-nuqqas ta' provi għall-kuntrarju.

It-Tribunal għalhekk jidhirlu li t-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

Fir-rigward tal-ittra uffiċjali (166A) imsemmija fl-Avviż tat-Talba, it-Tribunal, wara li applika l-Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa sodisfatt li din l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata fl-4 ta' Lulju 2018.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi fid-dawl ta' dak li ddikjara Carlos Abela, jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għal **tlieta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€43.86c)** u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi din is-somma bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali (166A) imsemmija fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**